**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 112**
**L-Erbgħa, 19 ta' April, 2023 fl-4:00 p.m.**

**GVERNIJIET LOKALI – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA**

**7300. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi tabella dwar kull allokazzjoni finanzjarja li saret għas-sena 2022 lil kull Gvern Lokali, u jispjega l-mod kif dawn ingħataw?

14/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 112
19/04/2023

**GVERNIJIET LOKALI – KONSULTAZZJONI MA' PROJECT GREEN**

**7301. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema lokalitajiet se jintefqu l-flejjes allokati lill-aġenzija Project Green? Tista' tipprovdi d-dati li fihom saret konsultazzjoni mal-Gvernijiet Lokali rispettivi dwar dawn il-proġetti għal kull Gvern Lokali?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kif diġà kelli l-okkażjoni nispjega fi tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet parlamentari preċedenti, il-proġetti ambjentali taħt ir-responsabbiltà ta' Project Green jaqgħu f'numru ta' kategoriji differenti u għaldaqstant il-kriterji li ser jintużaw sabiex tiġi stabbilita l-prijorità tal-proġett tvarja skont in-natura u l-karatteristiċi tal-proġett innifsu.Bħala linja gwida l-proġetti ser jiġu prijoritizzati skont l-impatt pożittiv li dawn mistennija jħallu fuq il-lokalitajiet u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u r-residenti fl-inħawi.
Bħalissa għaddej il-proċess biex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet għal spazji miftuħa ġodda relatati mal-Community Greening Grant skont il-linji gwida stabbiliti. L-aġenzija rċeviet 72 applikazzjoni għal din l-iskema li 58 minnhom ġew sottomessi minn Kunsilli Lokali, 4 minn NGOs ambjentali, u 10 saru minn entitajiet oħra fosthom għaqdiet sportivi, każini tal-baned, skejjel, fondazzjonijiet u għaqdiet volontarji.Aktar dettalji dwar dawn l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jingħataw wara li jintemm il-proċess ta' evalwazzjoni li mistenni jiġi finalizzat sal-aħħar ta' Mejju 2023 kif hemm indikat fil-linji gwida.

Il-konsultazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali għaddejjin b'mod kontinwu permezz ta' laqgħat mal-aġenzija, liema laqgħat komplew ukoll wara sessjoni teknika li fiha ġew spjegati l-objettivi tal-Community Greening Grant kif ukoll il-proċess tal-applikazzjoni fid-dettall. Din is-sessjoni saret fit-8 ta Frar li għadda u għaliha kienu mistiedna l-Kunsilli Lokali kollha flimkien mar-Reġjuni.

Minbarra l-Community Greening Grant hemm ukoll proġetti oħrajn kbar bħal dak ta' Vjal ir-Rihan fil-lokalità ta' San Ġwann, li dwaru saret konsultazzjoni pubblika miftuħa għal kulħadd fit-23 ta' Frar.

Seduta 112
19/04/2023

**PROJECT GREEN - PROĠETTI GĦAL ST. ELMO'S PLACE**

**7302. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u r-renders relattivi għall-proġett/i taħt l-aġenzija Project Green li hemm ippjanat li jsir/u f'St Elmo's Place fil-Belt Valletta?

14/03/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindika għal liema proġett qed jirreferi.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS**

**7481. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il direct order saret mid-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/03/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - DIRECT ORDERS**

**7482. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il direct order saret mid-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - DIRECT ORDERS**

**7483. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il direct order saret mid-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/03/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS**

**7484. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il direct order saret mid-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 112
19/04/2023

**CDAU – TFAL LI JIRĊIEVU S-SERVIZZ**

**7485. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tfal jieħdu s-servizz taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)?

20/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 4,107 tfal li qed jieħdu diversi servizzi miċ-Child Development Assessment Unit.

Seduta 112
19/04/2023

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA – MEDIĊINA ZOMIG**

**7486. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Zomig hijiex out of stock u jekk iva, kemm se ddum?

20/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mediċina msemmijja minnu qatt ma kienet fuq il-formolarju tal-Gvern.

Seduta 112
19/04/2023

**AIR MALTA – TITJIRIET BL-ISKEDA JEW CHARTERED GĦAL LOURDES**

**7543. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk din is-sena l-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta hux se tagħmel titjiriet bl-iskeda jew chartered għal Lourdes u lura? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il titjira se ssir u meta? Kemm hu mistenni li jinġarru passiġġieri minn Malta għal Lourdes u lura permezz ta' dawn it-titjiriet?

21/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għas-sena 2023 l-Air Malta m'għandhiex pjanijiet sabiex tintroduċi servizzi bi skeda regolari bejn Malta u Lourdes u lura, u hemm linja tal-ajru oħra li diġà qed topera dn ir-rotta.
Madankollu, hemm pjanijiet li topera numru ta' titjiriet chartered (8 titjiriet) skont id-domanda tas-suq matul Lulju, Awwissu u Settembru, ladarba jiġu kkonfermati mill-aġenti tal-ivvjaġġar u li jistgħu jammontaw għal traffiku ta' madwar 3,000 passiġġier lil u minn Lourdes.

Seduta 112
19/04/2023

**AIR MALTA – TITJIRIET BL-ISKEDA JEW CHARTERED GĦAL LOURDES**

**7544. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta f'dawn l-aħħar ħames snin, u ċjoè mill-2018 sal-2022, għamlitx titjiriet bi skeda u/jew chartered għal Lourdes u lura? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il titjira għamlet u kemm ġarret passiġġieri sena b'sena?

21/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellenat illi f'dawn l-aħħar 5 snin (jiġifieri is-snin bejn 2018 u 2022) il-linja nazzjonali tal-ajru l-Air Malta operat titjiriet lejn u minn Lourdes skont l-informazzjoni f'din it-tabella:

**MALTA-LOURDES-MALTA**

| Sena finanzjarja | Numru ta' passiggieri | Tip ta' servizz |
|---|---|---|
| **April sa Marzu** | | |
| | | |
| FY2022/23 | 1,293 | Charter |
| FY2021/22 | 0 | Ma sarux titjiriet |
| FY2020/21 | 0 | Ma sarux titjiriet |
| FY2019/20 | 7,065 | Charter/Schedule |
| FY2018/19 | 6,945 | Charter/Schedule |

Seduta 112
19/04/2023

**GVERNIJIET LOKALI - INTRODUZZJONI TAL-QUALITY SERVICE CHARTER**

**7545. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux kull Gvern Lokali f'Malta introduċa l-Karta ta' Servizz ta' Kwalità/Quality Service Charter u jekk le, jindika liema Gvernijiet Lokali għadhom m'għamluhiex?

21/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-Kunsilli Lokali tar-Rabat (Għ), Birkirkara, Ħad-Dingli, Għargħur, Mosta, Santa Venera u ż-Żurrieq s'issa introducew il-Karta ta' Servizz ta' Kwalita/ Quality Service Charter.

Seduta 112
19/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI LI MA TAWX AĊĊESS GĦAT-TFAL**

**7618. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma tawx aċċess għat-tfal?

23/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi ma hemm l-ebda persuna fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fuq akkuża ta' aċċess għat-tfal.

Seduta 112
19/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNI L-ĦABS MINĦABBA LI MA ĦALLSUX IL-MANTENIMENT**

**7619. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma ħallsux il-manteniment?

23/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNI L-ĦABS MINĦABBA LI MA TAWX AĊĊESS GĦAT-TFAL**

**7620. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma tawx aċċess għat-tfal?

23/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – LAQGĦAT FL-UE**

**7678. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7210, filwaqt li l-Ministru japprezza li għandu jattendi laqgħat varji, jista' jindika bil-preċiż liema laqgħat attenda u liema mistenni jattendi?

24/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hu ppjanat li fit-22 ta' Mejju, l-1 u 2 tà Ġunju nattendi għal laqgħat skont l-A[enda maħruġa mill-Presidenza tal-kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 112
19/04/2023

**GĦAJNUNA LILL-GAZZETTI MINĦABBA L-PANDEMIJA**

**7679. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-gazzetti li ngħataw xi forma ta' għajnuna minħabba l-effetti tal-pandemija u jekk il-gazzetta, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, hux qed tirċievi wkoll dan?

24/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**GĦAJNUNA LILL-GAZZETTI MINĦABBA L-PANDEMIJA**

**7680. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-gazzetti li ngħataw xi forma ta' għajnuna minħabba l-effetti tal-pandemija u jekk il-gazzetta, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, hux qed tirċievi wkoll dan?

24/03/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - LAQGĦAT FL-UE**

**7681. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7220 u jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena?

24/03/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent ma hemm ebda laqgħat skedati f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena. Laqgħa li attendejt fi ħdan l-Unjoni Ewropea kienet dik ta' Epsco li nżammet fi Brussell fit-13 ta' Marzu 2023.

Seduta 112
19/04/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĊERTIFIKAT IBBAŻAT FUQ DESIGN RATING TAL-BINI**

**7692. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6762 u b'referenza għall-Avviż Legali 47 tal-2018, li jittrasponi d-Direttiva tal-UE 2010/31/EU dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u li jdaħħal fis-seħħ it-tali dispożizzjoni, peress li l-Artikolu II tad-Direttiva tal-UE jagħmilha ċara li għal kull binja ġdida li tinbena huwa meħtieġ ċertifikat fl-użu tal-enerġija, u peress li l-artikolu 14(3) tal-Avviż Legali 47 tal-2018 ikompli jelabora dwar ir-rekwiżiti, u peress li l-ebda wieħed mill-Avviżi Legali msemmija fit-tweġiba tal-Ministru ma jidhru li jemendaw id-dispożizzjoni li titlob ċertifikat fl-użu tal-enerġija, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6762 u jgħid għaliex it-tali ċertifikat mhuwiex qiegħed jintalab mill-Awtorità tal-Ippjanar?

27/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 112
19/04/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – DIĠITALIZZAZZJONI TAL-FILES**

**7693. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proċess biex jiġu diġitalizzati kompletament il-files kollha fil-pussess tal-Awtorità tal-Artijiet? Jista' jgħid ukoll il-files ta' liema snin ġew diġitalizzati s'issa?

27/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'inqas minn sena minn meta ġie varat il-proċess, l-għan primarju dejjem kien li jiġu msejsa proċessi ġodda ta' diġitalizzazzjoni sabiex il-maġġor parti tal-files ikunu jistgħu jiġu maqluba għal stat diġitali u b'hekk jiġi eliminat il-moviment uniku u fiżiku ta' kull file. L-iskop ewlieni huwa li jiġu diġitalizzati l-files kollha li qegħdin 'in circulation' u li jagħmlu parti mid-day-today sabiex imbagħad ikun jista' jingħata aktar focus fuq l-arkivju tal-istess Awtorità.

Seduta 112
19/04/2023

**LANDS AUTHORITY - APPLIKAZZJONIJIET**

**7694. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7161, jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni rċeviet l-Awtorità tal-Artijiet mill-1 ta' Settembru 2020 s'issa? Kemm minn dawn għadhom pendenti?

27/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-tabella t'hawn taħt issib l-applikazzjonijiet li rċeviet l-Awtorità tal-Artijiet mill-1 ta' Settembru 2020 s'issa u kemm minn dawn għadhom pendenti.

| Applications Management Report | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Application Type** | **Not Yet Validated** | **Awaiting Applicant Action** | **In Process** | **Applications Processed** | **Total** |
| **Agri 1** | 444 | 153 | 442 | 403 | 1442 |
| **Agrires 1** | 2 | 2 | 22 | 1 | 27 |
| **CON 1** | 1 | 0 | 0 | 719 | 720 |
| **GLA 1** | 5 | 9 | 303 | 506 | 823 |
| **GLA 4** | 0 | 0 | 4 | 6 | 10 |
| **GLA 7** | 1 | 3 | 43 | 29 | 76 |
| **GLA 9** | 0 | 0 | 15 | 30 | 45 |
| **GLA 10** | 0 | 0 | 0 | 4 | 4 |
| **GLA 11** | 0 | 0 | 7 | 13 | 20 |
| **GLA 12** | 3 | 13 | 190 | 724 | 930 |
| **GLA 20** | 2 | 37 | 10 | 435 | 484 |
| **GLA 22** | 1 | 0 | 7 | 20 | 28 |
| **GLA 24** | 14 | 0 | 1 | 0 | 15 |
| **GLA 25** | 15 | 1 | 29 | 66 | 111 |
| **GLA 27** | 0 | 2 | 8 | 0 | 10 |
| **GLA 28** | 5 | 15 | 45 | 13 | 78 |
| **GOV 1 - Type A** | 3 | 26 | 19 | 1115 | 1163 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **GOV 1 - Type B1** | 0 | 33 | 91 | 132 | 256 |
| **GOV 1 - Type B2** | 1 | 7 | 33 | 21 | 62 |
| **GOV 1 - Type C** | 0 | 5 | 54 | 418 | 477 |
| **LC 1 - Type A** | 0 | 5 | 0 | 68 | 73 |
| **LC 1 - Type B** | 0 | 11 | 32 | 17 | 60 |
| **LC 1 - Type C** | 2 | 3 | 28 | 128 | 161 |
| **PLA 1** | 1 | 11 | 76 | 658 | 746 |
| **PLA 2** | 0 | 2 | 9 | 16 | 27 |
| **Tempres 1** | 1 | 1 | 4 | 0 | 6 |
| | 501 | 339 | 1472 | 5542 | 7854 |

Seduta 112
19/04/2023

**STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TA' AMBULANZA**

**7695. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija kemm hi l-medja ta' stennija mill-ħin li persuna tagħmel kuntatt mas-servizzi ta' emerġenza sakemm tasal l-ambulanza, u jgħid ukoll kemm kienet l-itwal stennija?

27/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-medja ta' stennija mill-ħin li persuna tagħmel kuntatt mas-servizzi ta' emerġenza sakemm tasal l-ambulanza jiddependi fuq l-urġenza tal-każ. Jeżistu red, orange u blue codes biex jindikaw l-urġenza. Fil-każijiet fejn ir-RapidResponse vehicle tintbagħat ukoll, din tasal fuq il-post f'medja ta' 14-il minuta fir-Red codes u fi 19-il minuta fl-Orange codes, mill-ħin tat-telefonata. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant illi d-dipartiment jirrispondi madwar 120 u 150 sejħa kuljum.

Seduta 112
19/04/2023

**LISTA TA' STENNIJA GĦALL-OPERAZZJONI TAT-TNEĦĦIJA TAL-MARRARA**

**7696. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5911, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni li qegħdin jistennew biex jagħmlu operazzjoni tat-tneħħija tal-marrara, li huwa n-numru totali u allura ma jinkludix biss dawk il-każijiet bi żmien ta' stennija li jaqbeż iż-żmien stipulat fil-Patient Charter?

27/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 5911.

Seduta 112
19/04/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – TĦASSIR TA' KUNTRATT**

**7697. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7164 dwar tender sabiex avukati jipprovdu servizzi legali lill-Awtorità tal-Artijiet (CT 2163/2021), jista' l-Ministru jgħid ir-raġuni/jiet għalfejn il-kuntratt imsemmi ġie kkanċellat?

27/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-imsemmija sejħa għal tenders (framework agreement) ġiet ikkanċellata għar-raġuni illi billi kien għadda ħafna żmien fuq il-proċess, l-esiġenzi tal-Awtorita tal-Artijiet inbidlu u l-Awtorità hi tal-fhema illi x-xogħol jista jsir b'mod differenti (aħjar) minn dak illi kien maħsub qabel.

Seduta 112
19/04/2023

**NADUR, GĦAWDEX – TRIQ IT-TIĠRIJA – FTUĦ TA' DAR TAL-ANZJANI**

**7703. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-dar tal-anzjani li kellha tinbena fi Triq it-Tiġrija, in-Nadur, u li waħda mill-predeċessuri tiegħu kienet għamlet konferenza tal-aħbarijiet biex tħabbar il-bini u l-ftuħ ta' din id-dar, għadhiex taqa' taħt ir-responsabilità tal-Ministeru tiegħu u jekk iva, fiex wasal il-proċess? Jekk le, taħt liema Ministeru għadda dan il-proġett wara li kien tħabbar b'tant pompa mill-Gvern Laburista fl-ewwel leġiżlatura tiegħu?

27/03/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett ma jaqax taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – INTERVENTION UNIT - ĦADDIEMA**

**7704. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li qed jaħdmu fl-Intervention Unit? X'inhu l-grad ta' kull ħaddiem?

27/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tim tal-Intervention Unit huwa kompost minn 16-il ħaddiem. Il-gradi jvarjaw minn Chief Scientific Officer sa Motor Transport Driver.

Seduta 112
19/04/2023

**SANNAT, GĦAWDEX - TRIQ XAMGĦAN – XOGĦOL**

**7705. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li ssir triq ġdida fi Triq Xamgħan, fis-Sannat peress li din it-triq tinsab fi stat diżastruż ħafna?

27/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru għal Għawdex għaddej b'ħidma kontinwa fejntidħol l-infrastruttura madwar il-ġżira, inkluż f'toroq li għal għexieren ta' snin tħallew jiddeterjoraw minn Gvernijiet Nazzjonalisti.

Seduta 112
19/04/2023

**GĦAWDEX – PROĠETTI ĠODDA**

**7706. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-konferenza tal-aħbarijiet li saret f'Jannar 2018 mill-Ministeru għal Għawdex rigward il-Master Plan għall-Gozo Experimental Farm u l-proġett tal-Petting Farm u faċilitajiet ġodda għall-SPCA u l-Animal Welfare, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-permessi meħtieġa min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u jgħid fiex waslu dawn il-proġetti u jekk tlestewx? Jekk ma tlestewx, x'inhuma r-raġunijiet li għadhom ma tlestewx? Jista' jgħid kemm kienet in-nefqa globali fuq dawn il-proġetti?

27/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ma kompliex fuq dawn il-pjanijiet.

Seduta 112
19/04/2023

**SEJĦA CT3014/2022 – PROĊESS TA' AĠĠUDIKAZZJONI**

**7707. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra rigward is-sejħa CT3014/2022 – *Provision of Professional Services Incl Architectural, Civil Engineering, Other Supporting Services for the Construction of the New ITS Campus at SmartCity, to High Energy, Env Performance Standards* –li għalqet fil-11 ta' Awwissu 2022 u jgħid fiex wasal il-proċess biex tiġi aġġudikata din is-sejħa?

27/03/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender imsemmi qed jiġi evalwat mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Seduta 112
19/04/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PROĠETTI B'FONDI TAĦT IL-PROGRAMM LIFE INTEGRATED PROJECT**

**7708. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti u fejn jinsabu f'Għawdex, li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm LIFE Integrated Project? Jista' jgħid liema ġew aċċettati u liema ma ġewx aċċettati biex isiru matul is-snin 2014 sal-2023 mill-programm LIFE Integrated Project u liema saru u liema bħalissa għaddej ix-xogħol fuqhom? Jista' jgħid ukoll kemm se jingħata flus il-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond fuq kull proġett? Jista' jgħid jekk hux se jingħata aktar flus u jekk iva, kemm se jingħata minn dan il-fond u għal liema proġetti?

27/03/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fiż-żmien indikat il-Ministeru għal Għawdex ma bbenifikax minn tali programm.

Seduta 112
19/04/2023

**EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA – SKEMA TA' IRTIRAR KMIENI U SKEMA TA' IRTIRAR VOLONTARJU**

**7725. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' impjegati u l-ammonti mogħtija lill-eks ħaddiema tal-Air Malta li applikaw għal skema ta' rtirar kmieni u skema ta' rtirar volontarju fl-2022?

27/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant illi kien hemm 351 ħaddiem li ngħataw is-somma taħt l-Early Retirement Scheme jew il-Voluntary Redundancy Scheme u li ngħataw is-somma ta' €60,836,332.44 komplessivament.

Seduta 112
19/04/2023

**EX ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA LI KIENU SSEKONDATI MA' KUMPANIJI TAL-GVERN**

**7726. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-eks ħaddiema tal-Air Malta li kienu ssekondati ma' kumpaniji tal-Gvern fl-2022 telqu bit-take home pay, li jirċievu bejn:
€0 - €15,000;
€15,000 - €25,000;
€25,000 - €30,000;
€30,000 - €40,000;
€40,000 - €50,000;
€50,000 - €60,000,
u fejn ġew issekondati dawn il-ħaddiema?

27/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**ĦADDIEMA LI ĠEW ISSEKONDATI**

**7727. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjegati ġew issekondati mill-Enemalta, l-Air Malta u t-Tarzna għas-Settur Ċivili jew entitajiet pubbliċi oħrajn? Jista' jgħid jekk dawn l-impjegati għandhomx pagi differenti minn ta' impjegati oħrajn fl-istess post tax-xogħol li jagħmlu l-istess xogħol? Jista' l-Ministru jgħid x'se jagħmel biex jiżgura paga indaqs għal xogħol ta' valur ugwali?

27/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**EKS IMPJEGATI TAL-AIR MALTA – FTEHIM TA' KUNTRATT MAL-RSSL**

**7728. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-eks impjegati tal-Air Malta li ffirmaw ftehim ta' kuntratt mal-RSSL għadhom fuq il-kotba tal-KM (kif jidher fuq Jobsplus)?

27/03/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol relatat mat-trasferiment tal-ħaddiema inkwistjoni ġie komplut.

Seduta 112
19/04/2023

**KUNSILLI LOKALI - ĦADDIEMA MILL-ISKEMA TAL-JOBSPLUS**

**7729. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema ma’ kull Kunsill Lokali mill-iskema tal-Jobsplus? Jista' jagħti break down lokalità b'lokalità?

27/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | 4 |
| Il-Birgu (Città Vittoriosa) | 10 |
| L-Isla (Città Invicta) | 4 |
| Bormla (Città Invicta) | 11 |
| Ħal Qormi (Città Pinto) | 8 |
| Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | 2 |
| Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | 11 |
| Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | 2 |
| Iż-Żejtun (Città Beland) | 4 |
| Ir-Rabat (Città Victoria) | 6 |
| Ħal Balzan | 1 |
| Birkirkara | 12 |
| Birżebbuġa | 6 |
| Ħad-Dingli | 3 |
| Il-Fgura | 9 |
| Floriana | 5 |
| Il-Gudja | 6 |
| Il-Gżira | 4 |
| Għajnsielem | 6 |
| L-Għarb | 7 |
| Ħal Għargħur | 2 |
| L-Għasri | 5 |
| Ħal Għaxaq | 3 |
| Il-Ħamrun | 5 |
| L-Iklin | 4 |
| Il-Kalkara | 7 |
| Ta' Kerċem | 6 |
| Ħal Luqa | 7 |
| Marsaskala | 11 |
| Marsaxlokk | 10 |
| Il-Mellieħa | 3 |
| Il-Mosta | 2 |
| L-Imqabba | 3 |
| L-Imsida | 6 |
| Il-Munxar | 8 |
| In-Nadur | 8 |
| In-Naxxar | 1 |
| Paola | 5 |
| Tal-Pietà | 9 |

| | |
|---|---|
| Il-Qala | 5 |
| Il-Qrendi | 2 |
| Ir-Rabat | 3 |
| Ħal Safi | 4 |
| San Lawrnez | 1 |
| San Pawl il-Baħar | 3 |
| Ta' Sannat | 13 |
| Santa Luċija | 8 |
| Santa Venera | 1 |
| Ta' Xbiex | 3 |
| Ħal Tarxien | 12 |
| Ix-Xagħra | 11 |
| Ix-Xewkija | 9 |
| Ix-Xgħajra | 7 |
| Iż-Żebbuġ | 6 |
| Iż-Żurrieq | 2 |

Seduta 112
19/04/2023

**BAJJA TAL-MISTRA – TRAFFIC LIGHTS**

**7730. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 846, jista' l-Ministru jgħid jekk u meta se jiġu installati traffic lights għall-ħruġ mill-Bajja tal-Mistra?

27/03/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin isiru l-istudji neċessarji fuq l-aħħar disinji ta' dan il-proġett.

Seduta 112
19/04/2023

**ĦAL QORMI – ŻONA INDUSTRIJALI TAL-ĦANDAQ – TINDIF**

**7754. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li ż-Żona Industrijali tal-Ħandaq, f'Ħal Qormi, ikollha tindif aktar regolari matul il-ġimgħa?

27/03/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi illi ż-żona Industrijali Tal-Ħandaq ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

Madankollu, infurmat ukoll li minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ser jitressqu talbiet għat-tindif ta' din iż-żona industrijali lill-entità kkonċernata.

Seduta 112
19/04/2023

**ĦAL QORMI – ŻONA INDUSTRIJALI TAL-ĦANDAQ – TINDIF**

**7755. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li ż-Żona Industrijali tal-Ħandaq, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

27/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-Żona Industrijali tal-Ħandaq ma taqax fir-remit amministrattiv tal-Indis. Madankollu l-Indis tiddedika budget mill-fondi tagħha stess sabiex isir tindif supplimentari taż-żona kull nhar ta' Sibt mid-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni.

Seduta 112
19/04/2023

**GĦOTI TA' KONĊESSJONI LIL KUMPANIJI**

**7774. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-konċessjoni li jidher li ngħatat lill-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jintbagħtu separatament, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ingħatatx a tenur tal-Concession contracts regulations-subsidiary Legislation 601.09 jew kienet konċessjoni ta' art mid-Dipartiment tal-Artijiet?

27/03/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 112
19/04/2023

**ĦAD-DINGLI – INĦAWI TAL-QATTARA – GĦELUQ TA' AĊĊESS GĦAL PASSAĠĠI PUBBLIĊI**

**7836. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għal grada li qiegħda tagħlaq l-aċċess għall-passaġġi pubbliċi fl-inħawi tal-Qattara, Ħad-Dingli, li hija indikata fir-ritratti mehmuża ma' din il-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jgħid jekk din hijiex art privata jew le, u għaliex din tinsab magħluqa?

29/03/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandha tiġi mgħoddija site plan dettaljata fejn jiġu indikati l-passaġġi pubbliċi fl-inħawi tal-Qattara, Ħad-Dingli, li qed jirreferi għalijhom l-Onor. Interpellant sabiex l-Awtorità tkun tista' twieġeb il-mistoqsija.

Seduta 112
19/04/2023

**SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – ĦRUĠ TA' ENFORCMENT NOTICES**

**7837. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu enforcement notices ġewwa San Ġiljan u Tas-Sliema mill-2013 sal-lum u kemm minn dawn l-enforcement notices għadhom pendenti?

29/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2013 sal-lum inħarġu 67 enforcement notice ġewwa San Ġiljan u 62 enforcement notice ġewwa Tas-Sliema, li minnhom 18 għadhom pendenti ġewwa San Ġiljan u 22 għadhom pendenti ġewwa Tas-Sliema.

Seduta 112
19/04/2023

**PACEVILLE – SKWADRA SPEĊJALI TAL-PULIZIJA**

**7838. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7055, jista' l-Ministru jgħid meta ser jimplimenta l-wegħda li jkun hemm skwadra speċjali tal-Pulizija għal Paceville?

29/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5546.

Seduta 112
19/04/2023

**PACEVILLE/SAN ĠILJAN – PERSUNI MĦARRKA**

**7839. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7057, jista' l-Ministru jagħti lista separata ta' kemm persuni ġew imħarrka minn Jannar 2022 sa Diċembru 2022 f'Paceville/San Ġiljan fuq pickpocketing u/jew għaliex għamlu awrina fil-pubbliku?

29/03/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm żewġ persuni li ġew imħarrka fuq reati ta' pickpocketing minn Jannar sa Diċembru 2022 f'Paceville/San Ġiljan.

Seduta 112
19/04/2023

**ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA FIL-BJAR**

**7840. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7051, jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar biex tara li verament inbnew il-bjar kif ikunu approvati mill-2013 sal-lum u jgħid f'liema lokalitajiet saru u kemm instabu li mhumiex konformi mal-liġi?

29/03/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għalkemm isiru spezzjonijiet b'mod regolari fuq diversi siti kuljum, l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex l-informazzjoni mitluba peress li spezzjonijiet fuq siti ma jsirux esklussivament rigward bjar, iżda l-iżvilupp jiġi spezzjonat b'mod ħolistiku.

Seduta 112
19/04/2023

**ECO-TAX**

**7841. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7059, jista' l-Ministru jgħid min hu l-kumitat jew l-entità li tieħu ħsieb il-fond tad-dħul miġbur mill-Eco-Tax jew bed-tax, jiġifieri dak li t-turisti jridu jħallsu għal kull lejl li jagħmlu f'Malta? Jista' jgħid ukoll kif dan intuża sena b'sena minn meta ġie introdott u min ibbenefika minn dan il-fond?

29/03/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm Kumitat apposta li jieħu ħsieb il-fondi allokati lilu li jkunu inġabru mid-dħul tal-Eko-kontribuzzjoni. Dan il-Kumitat huwa magħmul mis-Segretarju Permanenti u d-Director Operations fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu, flimkien ma' rappreżentanti mill-MHRA, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u TZRA. Il-proġetti li bbenefikaw minn dan il-fond mill-2020 'l hawn jinkludu:
· il-proġett tal-car park tal-Għadira
· il-promenade tal-Għadira
· is-sand pilot Project tal-bajja tal-Mellieħa
· il-Ġnien Ġirolamo Cassar, il-Gudja
· il-proġett ta' tisbiħ fil-pjazza tal-Mellieħa
· il-proġett tal-Magħluq ġewwa Marsaxlokk
· il-Ġnien Alexander Ball ġo Ħal Safi
· l-iscuttling tal-MV Haphaestus, Għawdex

· il-Victoria Lines
· Paceville Street, San Ġiljan
· il-pjazza ta' ħdejn it-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien
· Ġnien Duminku Mintoff, Raħal Ġdid
· il-Pjazza ta' Buġibba,
· il-Pjazza tal-Birgu,
· inġenji li jintużaw mill-Cleansing and Maintenance Division fit-tindif ta' żoni turistiċi,
· l-installazzjoni u manutenzjoni tal-iSmart Compaction Litter Bins, u
· pjan ta' riġenerazzjoni li qed issir f'San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Xemxija u Salini.

Seduta 112
19/04/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-ĦELSIEN – TINDIF**

**7894. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Ħelsien, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

04/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li t-tindif fi Triq il-Ħelsien, f'Ħal Qormi, isir regolarment u skont l-iskeda, jiġifieri mit-Tnejn sas-Sibt.

Seduta 112
19/04/2023

**RAĦAL ĠDID – ĊENTRU TAS-SAĦĦA - ĦADDIEMA**

**7913. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhu l-futur tal-ħaddiema li jaħdmu fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u jekk dan hux se jingħalaq ladarba jinfetaħ iċ-Ċentru Vincent Moran?

06/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-impjegati li bħalissa qed jaħdmu fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid se jimxu għac-Ċentru Reġjonali Vincent Moran ladarba jiftaħ.

Seduta 112
19/04/2023

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA, BEREĠ U ĊENTRI TAL-KOMUNITÀ – PERJODU TA' STENNIJA GĦAL DIVERSI SERVIZZI**

**7914. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu twil il-perjodu ta' stennija bejn appunatament u ieħor f'kull ċentru tas-saħħa/berġa/ċentru tal-komunità għal servizzi ta' podjatrija, fiżjoterapija u speech therapy?

06/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-perjodu ta' stennija bejn appunatament u ieħor f'kull ċentru tas-saħħa/berġa/ċentru tal-komunità għal servizzi ta' podjatrija, fiżjoterapija u speech therapy huwa skont it-tabella t'hawn taħt.

| **Ċentru tas-Saħħa/ Klinika tal-Komunita'** | **Podjatrija** | **Fiżjoterapija** | **Speech Therapy** |
|---|---|---|---|
| **B'Kara HC** | 12-il ġimgħa | n/a | 3 ġimgħat |
| **Floriana HC** | 8 ġimgħat | 0 | ġimgħa |
| **Pietà CC** | 7 ġimgħat | n/a | ġimgħa |
| **Cospicua HC** | 9 ġimgħat | 0 | ġimgħa |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Zejtun CC** | 12-il ġimgħa | 3 ġimgħat | ġimgħa |
| **Mosta HC** | 10 ġimgħat | ġimgħatejn | 4 ġimgħat |
| **Mellieħa CC** | 10 ġimgħat | ġimgħatejn | 3 ġimgħat |
| **Qormi HC** | 14-il ġimgħa | ġimgħa | ġimgħatejn |
| **Kirkop HC** | 1-il ġimgħa | 0 | 3 ġimgħat |
| **Ghaxaq CC** | 16-il ġimgħa | 0 | ġimgħatejn |
| **Paola HC** | 9 ġimgħat | 0 | 4 ġimgħat |
| **Tarxien CC** | 16-il ġimgħa | ġimgħa | ġimgħa |
| **Rabat HC** | 11-il ġimgħa | n/a | ġimgħatejn |
| **Attard CC** | 11-il ġimgħa | 4 ġimgħat | ġimgħatejn |
| **Gzira HC** | 10 ġimgħat | ġimgħatejn | ġimgħa |
| **M'Xlokk CC** | 16-il ġimgħa | 0 | ġimgħa |
| **Fgura CC** | 14-il ġimgħa | ġimgħatejn | 4 ġimgħat |
| **Żurrieq CC** | 16-il ġimgħa | ġimgħa | 4 ġimgħat |
| **Valletta CC** | 21-il ġimgħa | n/a | ġimgħa |
| **Ta' Xbiex CC** | 10 ġimgħat | n/a | n/a |
| **Kalkara CC** | 14 -il ġimgħa | ġimgħatejn | ġimgħa |
| **Ħamrun CC** | 17 -il ġimgħa | 3 ġimgħat | ġimgħa |
| **St. Lucija CC** | 13 -il ġimgħa | ġimgħa | ġimgħatejn |
| **Gudja CC** | 8 ġimgħat | 3 ġimgħat | ġimgħatejn |
| **M'Scala CC** | 16-il ġimgħa | ġimgħa | ġimgħatejn |
| **Żabbar CC** | n/a | 3 ġimgħat | n/a |
| **Mġarr CC** | n/a | - | ġimgħa |
| **Msida CC** | n/a | - | 3 ġimgħat |
| **Dingli CC** | n/a | - | ġimgħa |

Seduta 112
19/04/2023

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI - FTEHIM KOLLETTIV**

**7940. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid meta daħal fis-seħħ il-ftehim kollettiv il-ġdid mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, x'kienu t-tibdiliet li saru u jekk dan il-ftehim huwiex jiġi onorat?

11/04/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-ftehim kollettiv preżenti daħal fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2022 b'effett mill-1 t'Ottubru 2020. F'dan il-ftehim kien hemm titjib sostanzjali fil-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol u nikkonferma li dan ftehim qed jiġi onorat.

Seduta 112
19/04/2023

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT TAL-ISTAT – KUNDIZZJONIJIET TAL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI**

**7941. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-avukati u l-prokuraturi legali fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat ingħatawx l-istess kondizzjonijiet li qed jirċievu dawk fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u jekk le, għaliex?

11/04/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Ftehim Kollettiv li jkopri l-klassi legali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa riżultat ta' negozjati li saru mal-union rikonoxxuta li tirrappreżentahom u hija l-prassi li tali kundizzjonijiet ikopru biss kemm il-gradi kif ukoll l-entità li partikolari rregolata b'tali ftehim.

Seduta 112
19/04/2023

**RABAT – TRIQ IT-TIĠRIJA - ĦSARAT**

**7972. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6485 u 6828, jista' l-Ministru jgħid kienx hemm żviluppi fuq l-investigazzjonijiet li saru fuq il-kwalità ta' materjal u xogħol li sar fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, u meta se tibda l-manutenzjoni?

12/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru ġa wieġbet illi l-ħsarat jidhru li huma relatati ma' nixxiegħa naturali, liema ħsarat ġew aċċellerati bil-maltemp. Għaldaqstant Infrastructure Malta ħadet il-passi neċessarji biex tassigura li t-triq għadha sigura għall-użu, u fejn ikun hemm bżonn tmantni b'interventi lokalizzati. Meta x-xogħlijiet f'toroq li jaffettaw din ir-rotta jitlestew (bħal dawk għaddejjin f'tas-Sejba), l-Aġenzija tkun tista' tagħmel l-intervent neċessarju.

Seduta 112
19/04/2023

**SERVIZZI MOGĦTIJA MILL-GVERN BIEX JITNAQQSU L-WAITING LISTS**

**7973. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma s-servizzi li l-Gvern qed jingħata mill-privat biex inaqqas il-waiting lists? Jista' jgħid ukoll kemm u liema minn dawn ingħataw b'direct orders u kemm minnhom alternattivament qed toħroġ sejħa għall-offerti tagħhom?

12/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizzi li l-Gvern qed jingħata bħalissa mill-privat wara sejħa pubblika, biex jitnaqqsu l-waiting lists huma:
Da Vinci Healthcare - Proviżjoni ta' faċilitajiet u servizzi relatati ma' teatru tal-operazzjonijiet għal interventi minuri u intermedjarji 2021-2023 – Dan il-kuntratt jiskadi f'Lulju 2023.
u
St Thomas Hospital
Proviżjoni ta' faċilitajiet u servizzi relatati ma' teatru tal-operazzjoniet u sala bi 15-il sodda 2022-2024.

Seduta 112
19/04/2023

**SPTAR MATER DEI – NURSE-TO-PATIENT RATIO**

**7974. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi n-nurse-to-patient ratio fl-Isptar Mater Dei?

12/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nurse-to-patient ratio fl-Isptar Mater Dei jinbidel skont is-sala u s-servizz mogħti.

Seduta 112
19/04/2023

**SETTUR TAL-ONKOLOĠIJA – PAZJENTI LI KELLHOM BŻONN JINGĦATAW TRATTAMENT BARRA MINN MALTA**

**7975. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Minsitru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il pazjent kellu bżonn jingħata trattament barra minn Malta fis-Settur tal-Onkoloġija fl-2022 u x'kienet l-ispiża tal-Gvern?

12/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi 495 pazjent ingħata trattament barra minn Maltafis-Settur tal-Onkoloġija fl-2022.

Seduta 112
19/04/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – ŻIEDA TAL-FREKWENZA TAL-VJAĠĠI TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

**7995. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji mal-operatur tat-trasport pubbliku biex tiżdied il-frekwenza tal-vjaġġi tal-karozzi tal-linja li joperaw fuq ir-rotot ta' San Pawl il-Baħar, b'mod partikolari issa li ġej is-sajf, u allura jiżdiedu ferm il-persuni li joqogħdu f'din il-lokalità?

13/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Waqt li nagħmel referenza għat-tweġiba li ngħatat fil-Mistoqsija Parlamentari 7997, ninforma lill-Onor. Interpellanta li hi prassi normali li minn żmien għal żmien l-operatur, bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti, iżid il-frekwenzi fil-lokalitajiet kollha li jkunu qed jesperjenzaw żidiet fil-passiġġieri, mhux l-inqas f'dawk fejn tiżdied il-load fi żminijiet meta fostna jkun hawn ammont kbir ta' turisti.

Seduta 112
19/04/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – ROTTA TAL-KAROZZA TAL-LINJA 250**

**7996. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1717 dwar ir-rotta tal-karozza tal-linja 250, jista' l-Ministru jgħid xi rriżulta mill-istudju li hemm referenza għalih fit-tweġiba għal din il-mistoqsija? X'inhi s-soluzzjoni li nstabet?

13/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudji li qegħdin isiru fuq din ir-rotta u rottot oħra qegħdin jiġu finalizzati. Dan it-tibdil ser ikun qiegħed jitħabbar fil-futur qarib.

Seduta 112
19/04/2023

**IL-MOSTA – FREKWENZA TAR-ROTOT TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

**7997. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2912 dwar rotot tat-trasport pubbliku, jista' l-Ministru jgħid jekk is-suġġeriment mgħoddi fl-istess mistoqsija ġiex ikkonsidrat hekk kif fit-tweġiba ngħad li ttieħdet nota ta' dan is-suġġeriment? Jekk iva, x'azzjoni ttieħdet?

13/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsabu infurmati li qiegħed jiġi finalizzat studju fuq in-network sabiex jiġu identifikati dawk ir-rotot li jinħtiġilhom li tiżdied il-frekwenza tagħhom. Fost dawn hemm dawk ir-rotot li jservu l-lokalità ta' San Pawl il-Baħar u li għalhekk jinkludu lil Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija. Fil-futur qarib sejrin inkunu qegħdin inħabbru żidiet fil-frekwenza fuq diversi rotot.

Fl-istess ħin ta' min wieħed jinnota li qegħdin isiru numru ta' laqgħat ma' diversi stakeholders, fosthom korpi kostitwiti u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex nifformulaw pjan li jara lis-servizz tat-trasport publiku jiġi mtejjeb.

Seduta 112
19/04/2023

**L-IMĠARR – BANJIJIET RUMANI**

**7998. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta saru l-aħħar interventi fuq il-banjijiet Rumani li hemm fil-limiti tal-Imġarr? X'kienu l-interventi li saru, u kif qed jiġi assigurat li dawn l-istess banjijiet ikunu mħarsin kull ħin?

13/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-Banjijiet Rumani f'Għajn Tuffieħa kienu l-lok ta' sensiela ta' proġetti tul l-aħħar deċennju, wara li sar studju estensiv tal-mużajk u l-pavimentar kollu tas-sit mill-ispeċjalista Dr Livia Alberti fl-2012, proġett iffinanzjat mill-UNESCO.

Permezz ta' dan l-istudju ġew identifikati numru ta' bżonnijiet sabiex is-sit ikun ikkonservat aħjar, bħat-tneħħija tal-kmamar li kienu nbnew direttament fuq il-fdalijiet u kienu qed jagħmlu ħafna ħsara.Dawn il-kmamar tneħħew ukoll fl-2012.

Bejn l-2013 u l-2016 is-sit ġie studjat b'mod estensiv f'aspetti xjentifiċi, naturali u arkeoloġiċi permezz ta' finanzi mill-Fondi Strutturali Agrikoli Ewropej. Ġie stabbilit li s-sit, speċjalment il-pavimentar, ikun iktar protett jekk jitgħatta b'mod temporanju. Dan sar fuq żewġ fażijiet.

Fl-2019 imtliet il-vaska l-kbira b'materjal mixtri apposta mid-Dolomiti. Dan sar bħala prova, u kienet il-bażi li fuqha ġiet iffurmata l-metodoloġija biex jitgħattew il-pavimenti tas-sit. Dawn il-'backfills' saru fl-2021 u qed jiġu mmoniterjati regolarment.

Seduta 112
19/04/2023

**KUNSILLI LOKALI TAT-12-IL DISTRETT – ŻVILUPP TA' BINI**

**7999. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7394 dwar żvilupp ta' bini mill-kunsilli lokali tat-12-il Distrett, jista' l-Ministru jagħti t-tagħrif mitlub għal dak li jikkonċerna żvilupp ta' bini li se jkun qed isir mill-kunsill lokali rispettiv u li għalih hu meħtieġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex dan l-iżvilupp ikun jista' isir?

13/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 7630.

Seduta 112
19/04/2023

**PROPRJETAJIET TA' WIRT STORIKU – INVENTARJU**

**8000. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta jew xi entità oħra li taqa' taħtu għandhiex inventarju tal-proprjetajiet ta' wirt storiku li jinsabu għand il-privat? Jekk għandha tali inventarju, jista' jagħti tagħrif dwar il-mod kif dan l-istess inventarju jinżamm aġġornat?

13/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li skont l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, hija r-responsabbiltà tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li tiġbor u żżomm inventarju nazzjonali.

Infurmat ukoll li l-proprjetà privata li hija inkluża fl-Inventarju nazzjonali tikkonsisti prinċiparjament fi proprjetà privata li hija skedata u dawk in-niċeċ li jiffurmaw parti minn proprjetà privata.

Intant infurmat ukoll li l-Inventarju Nazzjonali mhux wieħed finali, iżda jiġi aġġornat b'mod tematiku.

Seduta 112
19/04/2023

**SPTAR MATER DEI – DIABETIC EDUCATION CLINIC – PAZJENTI LI UŻAW IS-SERVIZZ**

**8021. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid mill-1 ta' Jannar 2023, sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, xahar b'xahar, kemm kien hemm pazjenti li għamlu użu mis-servizzi tad-Diabetic Education Clinic fl-Isptar Mater Dei?

13/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illin-numru ta' pazjenti li għamlu użu mis-servizzi tad-Diabetic Foot Clinic fl-Isptar Mater Dei fix-xhur li talbet hi huwa skont it-tabella t'hawn taħt.

| 2023 | OP attendenza |
|---|---|
| Jannar | 403 |
| Frar | 286 |
| Marzu | 398 |

Seduta 112
19/04/2023

**SPTAR MATER DEI – DIABETIC POINT OF CARE CLINIC – PERSUNI LI UŻAW IS-SERVIZZ**

**8022. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid mill-1 ta' Jannar 2023, sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, xahar b'xahar, kemm kien hemm pazjenti li għamlu użu mis-servizzi tad-Diabetic Point of Care Clinic fl-Isptar Mater Dei?

13/04/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt li ma teżistix Diabetic Point of Care Clinic hemm 20 pazjent dijabetiku li jużaw dan is-servizz fix-xahar.

Seduta 112
19/04/2023

**NTSF – ALLOKAZZJONI TA' FONDI LIL SPORTIVI MALTIN**

**8023. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kif intefqu l-fondi tal-NTSF li suppost kienu allokati għall-isportivi Maltin, b'mod speċifiku għall-federazzjonijiet sportivi b'rabta mal-GSSE Malta 2023? Jista' jikkonferma li dawn il-fondi allokati jammontaw għal madwar €5 miljun? Jista' jindika min huma l-atleti li bbenefikaw minn dawn il-fondi?

13/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 112
19/04/2023

**IMQABBA - BINJA ĦARRIĠIET – DAWL TAL-KOMUN**

**8030. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri jittieħdu mill-Awtorità tad-Djar jew minn xi entità jew dipartiment ieħor sabiex id-dawl fil-komun ta' appartamenti u garaxxijiet fil-Binja Ħarriġiet, Imqabba, ma jitħalliex mixgħul mingħajr bżonn?

14/04/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar hija responsabbli biex twettaq tiswijiet meħtieġa wara li jiġu rrappurtati ħsarat fil-komun mill-inkwilini. Fil-każ imsemmi ma jirriżulta li hemm l-ebda rapport ta' ħsarat fid-dawl tal-komun fl-erba' entraturi ta' Binja Ħarriġiet Imqabba. Bħala manutenzjoni ordinarja tal-komun, kull entratura f'dan il-blokk għandha Assoċjazzjoni tar-Residenti fejn l-Amministratur hu meqjus responsabbli.

Seduta 112
19/04/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT – KIRI TA' SWALI LIL GĦAQDIET VOLONTARJI**

**8031. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7593, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid x'inhi r-rata tal-VAT użata u x'tip ta' rċevuta qed tingħata f'każijiet ta' ħlas għall-kiri tas-swali tal-iskejjel lil għaqdiet volontarji u li ma joperawx għall-qligħ?

14/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 112
19/04/2023

**ŻURRIEQ – WIED FULIJA – SKART TAL-KOSTRUZZJONI**

**8032. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7589, tista' l-Ministru tgħid jekk qabel Mejju 2019 kienx qed jintefa' skart tal-kostruzzjoni f'Wied Fulija bl-awtorizzazzjoni tal-Wasteserv Malta?

14/04/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li ix-xogħol li kien isir ma kienx jikkonsisti f'rimi ta' skart tal-kostruzzjoni, imma fi provvista ta' materjal gradat għall-istabbilizzazzjoni tal-għoljiet u xogħlijiet ta' riprofilar. Qabel Mejju tal-2019, ix-xogħlijiet kienu limitati għal ġbir ta' kampjuni għall-ittestjar tal-ħġieġ u xogħlijiet oħra ta' tħejjija, inkluż kejl tas-sit u tindif minn veġetazzjoni selvaġġa. Il-kuntrattur seta' jibda jittrasporta l-materjal ġewwa s-sit ladarba ħarġet l-istruzzjoni minn WasteServ Malta biex jipproċedi bix-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni mill-14 ta' Mejju 2019 'il quddiem.
Ir-riżultat kien li waħda mill-isbaħ żoni tal-kosta tan-Nofsinhar, li Gvernijiet Nazzjonalisti ħallewha miżbla abbandunata, ingħatat lura għat-tgawdija mill-poplu f'wieħed mill-akbar spazji miftuħa li għandna.

Seduta 112
19/04/2023

**ŻURRIEQ – WIED FULIJA – RATI MĦALLSA GĦAR-RIMI TA' SKART TAL-KOSTURZZJONI**

**8033. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7590, tista' l-Ministru tgħid b'liema rata/i għal kull tunellata tħallas/tħallsu l-kuntrattur/i biex jitfgħu l-10,000 metri kubi ta' skart tal-kostruzzjoni f'Wied Fulija minn meta dan beda jintieżen f'Mejju tal-2019?

14/04/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li għadni kif tajtu għall-mistoqsija parlamentari 8032, fejn iċċarajt li x-xogħol li sar ma kienx irdim ta' skart tal-kostruzzjoni imma kien wieħed ta' stabilizzazzjoni u profil, jien infurmata li l-kuntrattur tħallas bir-rati stabbiliti skont l-offerta kompetittiva li kienet l-orħos offerta konformi u li wasslet sabiex il-kuntratt tax-xogħol ingħata lilu. Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dettalji relatati ma' dan il-kuntratt kif disponibbli fuq l-Epps.

Seduta 112
19/04/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA - ZEBRA CROSSINGS APPROVATI MINN TRANSPORT MALTA**

**8034. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprvodi lista ta' zebra crossings li huma approvati minn Transport Malta u li għadhom ma sarux minn Infrastructure Malta, maqsuma lokalità lokalità?

14/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' żebra crossings approvati minn Transport Malta mis-sena 2019. Transport Malta tkun għaddiet l-applikant u dan ikun jista' jimplimenta skont il-pjanijiet tiegħu.

Seduta 112
19/04/2023

**GVERN LOKALI – ZEBRA CROSSINGS APPROVATI MINN TRANSPORT MALTA LI GĦADHOM MA SARUX**

**8035. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista taż-zebra crossings f'Birżebbuġa, iż-Żurrieq, Ħal Luqa u Ħal Farruġ, Ħal Safi, il-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Kirkop li huma approvati minn Transport Malta u li għadhom ma sarux mill-Gvern Lokali rispettiv?

14/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-informazzjoni mitluba rigwardanti zebra crossings li ser isiru mill-Kunsilli Lokali tinsab fis-segwenti tabella:

| **Isem tal-Kunsill Lokali** | **Lista ta' *Zebra Crossings* approvati minn *Transport Malta* fil-lokalita` tagħkom i¿da li għadhom ma sarux** |
|---|---|
| Birżebbuga | 1. '*Humped Belisha Crossing*' fi Triq is-Sajjied<br>2. '*Humped Belisha Crossing'* fi Triq il-Kurat Fenech<br>3. 2 in No. Zebra Crossings fi Triq il-Port Ħieles |
| Ħal Kirkop | 1. Zebra Crossing fi Triq San Pietru, Ħal Kirkop |
| Ħal Luqa (u Ħal Farruġ) | 1. Triq Hal Qormi, Hal Farrug, Hal Luqa<br>2. Triq il-Gdida, Hal Luqa (hemm zebra crossing pero trid tigi bil-lights)<br>3. Triq Valletta, Hal Luqa |
| L-Imqabba | *NIL RETURN* |
| Il-Qrendi | *NIL RETURN* |
| Ħal Safi | *NIL RETURN* |
| Iż-Żurrieq | 1. Triq l-Imqabba<br><br>Nota: Infurmat mill-istess Kunsill li tali *crossings* ghadhom ma sarux, minhabba li bhalissa ghaddej xoghol strutturali fit-toroq imsemmija. Intant infurmat illi hekk kif jitlesta tali xoghol dawn isiru fl-immedjat. |

Seduta 112
19/04/2023